V

*(Avviżi)*

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2016/C 107/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) iNru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Din il-pubblikazzjoni tieħu post id-Dokument Uniku ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali C 6 tad-9 ta' Jannar 2016*

DOKUMENT UNIKU

**"FLÖNZ"**

**Nru tal-UE: DE-PGI-0005-01257 — 26.8.2014**

**DOP ( ) IĠP ( X )**

1. **L-isem**

"Flönz"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Iil-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Il-kategorija 1.2 Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-"Flönz" hu mazzit magħmul b'metodi tradizzjonali. Dan jappartjeni għall-grupp taz-zalzett imsajjar, sewwasew fil-grupp tal-mazzit. Dan il-mazzit għandu "kwalità sempliċi", jiġifieri fih il-laħam tal-majjal għalkemm dan ma jkunx jidher. Il-mili tal-mazzit jitqiegħed f'tubi naturali jew sintetiċi li d-dijametru tagħhom ivarja minn 30 mm sa 65 mm. Meta jitqiegħed għall-bejgħ fit-tubi naturali jew sintetiċi, il-mazzit ikollu superfiċje tonda filwaqt li l-għamla tiegħu tkun tawwalija bħal ċilindru xi ftit imqawwes bit-truf tipiċi. Xi drabi l-mazzit ikun fit-tond qisu qagħqa. It-taħlita tal-mazzit ikollha lewn aħmar fil-kannella, imtebba' bi bċejjeċ bojod tax-xaħam tal-majjal. U anki fuq barra, il-mazzit ikun aħmar fil-kannella.

Il-mazzit għandu konsistenza ratba iżda faċli biex jitqatta' roti roti. Dan il-prodott jista' jinkiseb frisk jew affumikat.

Il-mazzit jinbiegħ f'kontenituri ssiġillati, f'ġilda sħiħa jew biċċiet, u jitqatta' roti roti bħala prodott konvenjenti (ippakkjat fil-vakum jew b'xi mod simili). Il-"Flönz" ma jinstabx fil-vażetti tal-ħġieġ, fil-laned jew f'kontenituri oħra.

Dan il-prodott irid ikollu biċċiet tax-xaħam tal-majjal li jkunu jidhru sew, iżda li ma jkunux jaqbżu l-25 % sa 30 % tal-piż. Il-biċċiet tax-xaham tal-majjal ikollhom dijametru li jvarja minn 5 mm sa 10 mm. Il-kontenut tax-xaham tal-"Flönz" frisk ikun bejn 25 % u 35 %; u l-valur tal-MPFCP (il-proteina tal-laham mingħajr il-proteina tat-tessut konnettiv) ma għandux ikun inqas minn 8 %.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

L-ingredjenti:

— ġilda tal-bejken frisk,

— xaħam tal-majjal frisk jew iffriżat (ittowjat),

— laħam tal-majjal,

— laħam ta' ras il-majjal (mhux bilfors),

— demm tal-majjal,

— taħlita ta' mluħa nitrati,

— ħwawar u ħxejjex aromatiċi (ħwawar u ħxejjex aromatiċi naturali biss, mingħajr aromatizzanti miżjuda u mingħajr estratti tal-ħwawar),

— basal (mhux bilfors),

— stokk tal-laħam (mhux bilfors),

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Kull pass tal-produzzjoni jrid isir fiż-żona ġeografika identifikata ħalli tkun żgurata l-kwalità tal-prodott tradizzjonali.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

—

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tinsab fl-Istat Federali Ġermaniż tat-Tramuntana tar-Renu-Westfalja, jiġifieri ż-żona li tkopri l-belt ta' Cologne, il-bliet ta' Leverkusen, Bergisch Gladbach, Rösrath, Wesseling, Brühl, Hürth, Frechen, Pulheim, Bonn, Neuss, Dormagen, Monheim, Ratingen u Düsseldorf u d-distrett ta' Rhein-Sieg-Kreis.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

*Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Cologne hija l-akbar belt fiż-żona tal-produzzjoni u bejn wieħed u ieħor tinsab fin-nofs ġeografiku tagħha. Cologne tinsab fir-Renu, flimkien mal-bqija tal-bliet il-kbar ta' Düsseldorf u Bonn kif ukoll kważi kull awtorità reġjonali oħra fir-reġjun. "Flönz" hu element importati fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-karnival tassew intensivi li jsiru fiż-żona tal-produzzjoni. L-aktar famużi fosthom huma l-karnival li jsir Cologne u Düsseldorf, iżda anki fiż-żoni l-oħra, il-karnival hu żmien importanti tas-sena speċjalment għal kull komunità taż-żona. F'dawn il-festi, il-prodotti tradizzjonali huma karatteristika partikolari, fosthom il-"Flönz", prodott li saħansitra jirnexxilu jgħaqqad liż-żewġ rivali ħelwin, Cologne u Düsseldorf, fi tradizzjoni kulinarja komuni.

*Speċifiċità tal-prodott*

Ir-reputazzjoni speċjali tal-"Flönz" ġejja mill-fatt li d-denominazzjoni u l-ikel jixhdu l-identità u l-uniċità taż-żona tal-produzzjoni. Il-"Flönz" hu maħsub biex jittiekel bħala mazzit tari u frisk. Dan jagħmlu ferm differenti, b'mod partikolari mill-bqija tal-mazzit fin-Nofsinhar tal-Ġermanja li ħafna drabi jinstab bħala prodott imnixxef, iebes u li jservi għal tul ta' żmien. Sabiex tinżamm il-kwalità, jintuża biss xaħam tal-majjal frisk jew iffriżat, iżda mhux priżervat, għax ix-xaħam tal-majjal frisk jew iffriżat jagħmilha ferm aktar diffiċli biex issir l-ossidazzjoni, li wara ħafna żmien maħżun jitranġat. Ix-xaħam tal-majjal frisk jew iffriżat hu karatteristika tipika b'mod oġġettiv fiż-żona u ġejja mit-tradizzjoni ta' dan it-tip ta' produzzjoni fiż-żona.

Ir-reputazzjoni speċjali tal-"Flönz" tagħtihielu l-produzzjoni tiegħu fiż-żona ġeografika, u toħroġ fid-dieher mill-fatt li d-denominazzjoni u l-ikel jixhdu l-identità u l-uniċità taż-żona tal-produzzjoni. Il-"Flönz" hu l-ingredjent ewlieni ta' wieħed mill-platti tradizzjonali, l-hekk imsejjaħ "Kölsch Kaviar" (il-kavjar ta' Cologne) li jfeġġ f'kull menù tal-birreriji ta' Cologne. Dan mhux kavjar, iżda "Flönz" bi ċrieki tal-basal. Il-"Himmel und Äd" (Il-Ġenna u l-Art") hu "Flönz" mixwi, servut bix-xropp tat-tuffieħ u l-patata maxx. Il-kitbiet ippubblikati jisħqu fuq l-importanza tal-"Flönz" fil-kċina ta' Cologne:

Franz Mathar u Rudolf Spiegel, Kölsche Bier- und Brauhäuser (Il-Birreriji ta' Cologne), Cologne, 1989;

Peter Honnen, Kappes, Knies und Klüngel (Dizzjunarju Reġjoni tar-Renu), Cologne, 2003;

Berthold Heizmann, Von Apfelkraut bis Zimtschnecke (Il-Vokabolarju tat-Tisjir fir-Renu), Cologne, 2011;

Gerard Schmidt u Joachim Römer, Kölsch Kaviar un Ähzezupp (Ktejjeb tat-Tisjir ta' Cologne), Cologne, 1990.

*Rabta kawżali*

Ir-reputazzjoni tal-"Flönz" u r-rabta tiegħu maż-żona ġeografika kibru b'mod organiku tul l-istorja twila tiegħu. Fi tmiem is-seklu 19, it-terminu "Flönz" kien diġà jintuża (Wrede, Neuer Kölnischer Sprachenschatz, Cologne 1956: 235).

Fl-1947, il-liriku Jupp Schlösser u l-kompożitur Dr Gerhard Jussenhoven kitbu ċajta fuq kemm sabuha diffiċli l-migranti biex ilissnu l-kliem sew bid-djalett ta' Cologne. Dawn użaw il-ħoss tal-vokali "O" li kien jagħmilha diffiċli biex tingħad il-kelma "Blotwoosch" (Blutwurst — mazzit) u għalhekk kienu ssuġġerew is-sinonimu "Flönz". L-għanja tagħhom, "Sag' ens Blotwoosch" (Għid mazzit) tgħid xi ħaġa hekk:

"… Sag' ens Blotwoosch… (…Għid Blotwoosch (mazzit)…)

Wäm dat Woot es zo schwer. (Jekk il-kliem hu diffiċli.)

Dä säht einfach Flönz…" (Għid Flönz…)

Fl-1980, Toni Steingass għamel xi ħaġa simili bl-għanja "Bunnefitschmaschinche" (Il-Magna tal-Fażola l-Ħadra):

"…Wä en Kölle uze well, (Jekk trid tinki f'Cologne)

da säht statt Blodwoosch Flönz, (Minflok Blotwoosch, għid Flönz,)

Un wä dat nit sage kann, (Jekk dil-kelma ma tistax tlissinha,)

dä stammp us der Provönz!…" (Allura inti tkun mill-provinċja!)

Aktar tard fl-1996, Gerd Köster u Frank Hocker kitbu l-għanja "Buure Säu" (Folk tal-Kampanja):

"…De Haupsaach es, de Flönz es god. (L-aqwa ħaġa hi li l-Flönz jinżel għasel.)

Alles andre es zo kompliziert…" (Il-bqija hu kkumplikat wisq.)

Fl-2011 Peter Millowitsch tella' "Għal ftit Flönz" fit-teatru ta' Cologne u kważi fl-istess żmien, tul il-karvinal tal-2011/12, it-teatru radikali ta' Cologne imsejjaħ Stunksitzung għażel it-tema ewlenija "Il-Kölsch (birra tal-post) mal-Flönz biss. L-Ewro Flönz".

It-terminu "Flönz" jintuża f'bosta arranġamenti soċjali biex tkun enfasizzata r-rabta speċjali li hemm bejn avveniment jew assoċjazzjoni u r-reġjun ta' Cologne: wieħed mit-timijiet tal-basketball ta' Cologne jismu "Flying Flönz I". Il-Klabb tal-Jottijiet ta' Cologne jieħu sehem fl-avveniment annwali msejjaħ ir-"Royal Flönz Cup", u fl-2012, l-ewwel mawra tal-karozzi antiki li tellgħet Ahl Häre KG (l-għaqda tal-karnival) f'Pulheim issejħet it-"Tour de Flönz".

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni**

(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/41118